



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.4.2021
COM(2021) 207 final

2021/0107 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara
applikazzjoni mill-Ġermanja – EGF/2020/003 DE/GMH Guss**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-“Regolament tal-FEG”)².
2. Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Ġermanja ppreżentat applikazzjoni EGF/2020/003 DE/GMH Guss għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensji³ fil-GMH Guss GmbH fil-Ġermanja.
3. Wara li vvalutat din l-applikazzjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament tal-FEG, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

SINTEŻI TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2020/003 DE/GMH Guss
Stat Membru	Il-Ġermanja
Reġjun(i) kkonċernat(i) (livell NUTS ⁴ 2)	Düsseldorf (DEA1) Arnsberg (DEA5)
Data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni	Il-15 ta' Diċembru 2020
Data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	Il-15 ta' Diċembru 2020
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	It-28 ta' Diċembru 2020
Data ta' skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	It-8 ta' Frar 2021
Data ta' skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	It-3 ta' Mejju 2021
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG
Intrapriża primarja	GMH Guss
Għadd ta' intrapriżi kkonċernati	1
Settur(i) tal-attività ekonomika (id-Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2) ⁵	id-Diviżjoni 24 (Manifattura ta' metalli bażiċi)
Għadd ta' sussidjarji, fornituri u produttori fl-istadju aħħari tal-produzzjoni	4

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 huwa applikabbli għall-applikazzjonijiet kollha li waslu sal-31 ta' Diċembru 2020.

³ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

⁵ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

Perjodu ta' referenza (erba' xhur):	Il-31 ta' Lulju 2020 - It-30 ta' Novembru 2020
Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza	585
Għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli	585
Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	476
Baġit għas-servizzi personalizzati (EUR)	1 730 731
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁶ (EUR)	72 114
Baġit totali (EUR)	1 802 845
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	1 081 706

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

- Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Ġermanja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2020/003 DE/GMH Guss, jiġifieri fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-wasla tal-applikazzjoni fl-istess data, u talbet informazzjoni addizzjonali mill-Ġermanja fit-28 ta' Diċembru 2020. Tali informazzjoni addizzjonali nġhatat fi żmien sitt ġimgħat mit-talba. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien l-iskadenza ta' 12-il ġimgħa minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta u li tiskadi fit-3 ta' Mejju 2021.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriżi u benefiċjarji kkonċernati

- L-applikazzjoni tikkonċerna 585 ħaddiem li nġhataw is-sensja minn erba' sussidjarji ta' GMH Guss GmbH. Din l-intrapriża topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 24 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' metalliċi bażiċi). Is-sensji jinsabu fir-reġjuni tal-livell NUTS 2 ta' Düsseldorf (DEA1)⁷ u Arnsberg (DEA5)⁸. Dawn is-siti jinsabu fiż-żona tar-Ruhr, ir-reġjun industrijali tradizzjonali fin-Nordrhein-Westfalen.

Kriterji ta' intervent

- Il-Ġermanja ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG, li jitlob li tal-inqas 500 ħaddiem ikunu nġhataw is-sensja matul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'intrapriża ta' Stat Membru.
- Il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur għall-applikazzjoni huwa mill-31 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Novembru 2020.
- 585 ħaddiem inġhataw is-sensja minn GMH Guss matul il-perjodu ta' referenza.

⁶ F'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

⁷ is-sussidjarji Friedrich Wilhelms-Hütte Eisenguss GmbH u Friedrich Wilhelms-Hütte GmbH, it-tnejn li huma jinsabu f'Mülheim an der Ruhr

⁸ is-sussidjarja Dieckerhoff Guss GmbH f'Gevelsberg, u s-sussidjarja Walter Hundhausen GmbH (kif ukoll is-sede prinċipali ta' GMH Guss GmbH) f'Schwerte

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

9. Is-sensji matul il-perjodu ta' referenza ġew ikkalkulati mid-data li fiha l-impjegatur, f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE⁹, innotifika bil-miktub lill-awtorità pubblika kompetenti bis-sensji kollettivi ppjanati. Il-Ġermanja kkonfermat qabel id-data tat-tlestija tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni, li dawn il-585 sensja saru tabilħaqq.

Benefiċjarji eliġibbli

10. L-ġhadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 585.

Rabta bejn is-sensji u bidliet strutturali maġġuri fil-mudelli kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni

11. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, il-Ġermanja targumenta li l-industrija tal-fonderiji fil-Ġermanja qed tiffaċċja sfidi profondi bħal bidliet fil-kummerċ internazzjonali ta' oġġetti u servizzi, kif ukoll ir-rilokazzjoni ta' attivitajiet lejn pajjiżi li mhumiex fl-UE.
12. Fil-fonderiji tal-metall għall-ikkastjar, il-metalli jiġu mdewba, u l-metalli likwidi jiġu kkastjati f'forom personalizzati. Il-proċess jirrikjedi ħafna manodopera. Normalment, il-fonderiji jikkastjaw il-metalli meta jkunu meħtieġa forom kumplessi ħafna. Il-fonderiji għall-ikkastjar tal-metall huma fornituri klassiċi għal industriji tal-manifattura oħrajn, b'mod partikolari l-industrija tal-karozzi, kif ukoll l-industriji tal-magni, tal-kostruzzjoni, tal-azzar, tal-enerġija, tal-kimika u tat-teknoloġija tas-saħħa. Fil-Ġermanja, il-klijenti ewlenin tal-fonderiji għall-ikkastjar tal-metall huma l-industrija awtomobilistika (60 %) u l-industrija tal-magni (26 %) ¹⁰. Peress li l-fonderiji huma speċjalizzati ħafna u jipprovdu prodotti magħmulin apposta għall-klijenti tagħhom, l-attivitajiet tal-fonderiji jiddependu ħafna mid-domanda ta' klijenti ewlenin speċifiċi.
13. Żewġ sussidjarji ta' GMH Guss kienu fornituri tal-industrija awtomobilistika: wieħed lill-produtturi tal-karozzi u l-ieħor lill-produtturi tat-trakkijiet tqal. It-tielet sussidjarja kienet tforni l-industrija tal-magni, b'enfasi speċjali fuq il-bini tal-bastimenti. Ir-raba' sussidjarja, kif ukoll il-kumpanija omm innifisha, kienu qed iwettqu servizzi amministrattivi għas-sussidjarji tal-manifattura.
14. Tradizzjonalment, il-fonderiji għall-ikkastjar tal-metall inbnew qrib il-klijenti ewlenin tagħhom, peress li kienet meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib biex jiġu ddisinjati l-prodotti magħmulin apposta, u minħabba t-trasport diffiċli ta' prodotti tqal. Għalhekk, fil-Ġermanja, l-industrija tinsab primarjament fir-reġjuni tradizzjonali tal-manifattura. 25 % tal-metalli Ġermaniżi kkastjati huma prodotti fin-Nordrhein-Westfalen ¹¹.
15. Filwaqt li fl-2019, il-Ġermanja kienet l-akbar produttur ta' prodotti tal-ikkastjar tal-metall fl-UE, u pproduċiet aktar mid-doppju tal-Italja, u tliet darbiet aktar minn

⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).

¹⁰ Bundesverband der Deutschen Gießerei-Industrie (BDGUss): Die Gießerei-Industrie. Eine starke Branche in Zahlen (2019)

¹¹ <https://www.bdguss.de/branche/rolle-bedeutung/>

Avvenimenti li jwasslu għal sensji u waqfien ta' attività

22. L-avvenimenti li wasslu għal dawn is-sensji huma l-proċedimenti ta' insolvenza fir-rigward ta' GMH Guss. Filwaqt li sussidjarja waħda, Dieckerhoff Guss GmbH, ingħalqet għalkollox, l-oħrajn ingħalqu parzjalment u joperaw taħt amministrazzjoni tal-insolvenza. Minn forza tax-xogħol ta' 1 000, 585 ħaddiem tilfu l-impjieg tagħhom. L-awtoritajiet pubbliċi ġew innotifikati bis-sensji f'Walter Hundhausen GmbH fil-31 ta' Lulju 2020, f'Dieckerhoff Guss GmbH fl-24 ta' Settembru 2020, u għall-entitajiet li kien fadal fil-5 ta' Ottubru 2020.
23. Filwaqt li GMH Guss kienet diġà qed topera f'ambjent ta' negozju diffiċli minħabba l-globalizzazzjoni, il-problemi tagħha laħqu l-quċċata tagħhom meta l-klijent ewlieni tas-sussidjarja Walter Hundhausen GmbH, responsabbli għal 60 % tal-produzzjoni tas-sussidjarja, iddeċieda li jiddelokalizza partijiet mill-katina tal-provvista tiegħu lejn it-Turkija.
24. Barra minn hekk, il-kompetitur Tajwaniż MEITA fetaħ żewġ funderiji f'Obrenovac, is-Serbja. Dawn il-fonderiji, sussidjati ħafna mill-gvern Serb, bdew il-produzzjoni fl-2017 u fl-2019, rispettivament, u jipproduċu, b'mod partikolari, għall-industrija awtomobilistika Ewropea²⁰. Minħabba s-sussidji u l-kostijiet lavorattivi aktar baxxi, MEITA kienet kapaċi toffri prezzijiet ferm aktar baxxi mill-kompetituri Ġermaniżi tagħha. B'konsegwenza, fl-2019, il-klijenti ewlenin tal-karozzi tas-sussidjarja Dieckerhoff Guss GmbH ta' GMH Guss talbu tnaqqis fil-prezz ta' 30 %, li Dieckerhoff ma setgħetx toffri. It-telf tal-klijenti tagħha, li mbagħad ikkuntrattaw lill-fabbriki Serbi tal-MEITA, wassal għat-tmiem ta' Dieckerhoff Guss.
25. Is-sħab soċjali qablu dwar il-ħolqien ta' erba' kumpaniji ta' trasferiment²¹, waħda għal kull sussidjarja ta' GMH Guss. Il-kumpaniji ta' trasferiment se jkunu ġestiti minn BOB Transfer GmbH. 476 mill-ħaddiema ffirmaw ftehim tripartitiku li skontu se jidħlu fil-kumpanija ta' trasferiment hekk kif jintemm uffiċjalment l-impjieg tagħhom ma' GMH Guss jew ma' waħda mill-erba' sussidjarji tagħha.
26. L-għajnuna tal-FEG se tintuża biex tikkumplimenta l-miżuri regolari offruti mill-kumpaniji ta' trasferiment u tista' tintuża wkoll biex testendi t-tul tal-miżuri individwali. 86 ħaddiem daħlu fl-ewwel kumpanija ta' trasferiment fl-1 ta' Awwissu 2020, il-bqija tal-ħaddiema bdew fl-1 ta' Ottubru 2020.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija u l-impjegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

27. Is-sensji huma mistennija li jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija lokali. Iż-żona tar-Ruhr hija żona industrijali urbanizzata ħafna. Tradizzjonalment reġjun tal-minjieri tal-faħam u tal-produzzjoni tal-azzar, ir-reġjun ilu jiffaċċja sfidi strutturali tremendi sa mis-snin sittin, b'rati ta' qgħad kontinwament ogħla mill-medja tan-Nordrhein-Westfalen. Il-pandemija tal-COVID-19 qed ikollha impatt negattiv ulterjuri fuq is-suq tax-xogħol. Bejn Settembru 2019 u Settembru 2020, il-qgħad fin-Nordrhein-Westfalen żdied minn 6,5 % għal 7,9 %, u minn 9 % għal 10,7 % fiż-żona tar-Ruhr. Il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema li nġhataw is-sensja huma fit-

²⁰ <https://www.serbianmonitor.com/en/chinas-mei-ta-opens-second-factory-in-obrenovac/>

²¹ Il-ħolqien ta' kumpanija ta' trasferiment mhuwiex obligatorju skont il-liġi Ġermaniża. Ma hemm l-ebda obbligu fuq in-naħa tal-kumpanija li tat is-sensji li tikkontribwixxi lejn il-ħolqien ta' kumpanija ta' trasferiment. Mingħajr il-parteċipazzjoni tal-kumpanija li tat is-sensji, l-ebda kumpanija ta' trasferiment ma kienet tinħoloq. Jekk il-kumpanija li tat is-sensji toffri li tipparteċipa, u jekk is-sħab soċjali jaqblu li joħolqu kumpanija ta' trasferiment, il-liġi soċjali Ġermaniża tistabbilixxi l-qafas legali (§§ 110 u 111, SGB III).

tieni nofs tal-karriera professjonali tagħhom, għandhom livell baxx ta' kwalifiki, u spiss b'għarfien dgħajjed tal-lingwa Ġermaniża.

Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti

Benefiċjarji fil-mira

28. L-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 476. Id-diżaggregazzjoni ta' dawn il-ħaddiema skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-età hija kif ġej:

Kategorija		Numru ta' benefiċjarji fil-mira	
Sess:	Irġiel:	455	(95,59 %)
	Nisa:	21	(4,41 %)
Ċittadinanza:	Ċittadini tal-UE:	291	(61,13 %)
	ċittadini mhux tal-UE:	185	(38,87 %)
Grupp ta' età:	15-24 sena:	7	(1,47 %)
	25-29 sena:	24	(5,04 %)
	30-54 sena:	269	(56,51 %)
	55-64 sena:	175	(36,76 %)
	aktar minn 64 sena:	1	(0,21 %)

Eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

29. Is-servizzi personalizzati li se jiġu pprovduti lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:
- Miżuri għat-titjib tal-ħiliet: Dawn huma offruti wara intervisti ta' tfassil ta' profili u ta' gwida għall-karriera. Il-korsijiet jistgħu jiġu pprovduti individwalment jew fi gruppi. Meta wieħed iqtis l-għadd kbir ta' parteċipanti bi sfond migratorju, se jiġu offruti korsijiet tal-Ġermaniż lill-parteċipanti b'għarfien dgħajjed tal-Ġermaniż.
 - Gruppi ta' pari/Gruppi ta' ħidma: Dawn se jkunu fora ta' gruppi assistiti minn faċilitatur, li se jgħin lill-parteċipanti jaqsmu ideat u jirriflettu dwar l-esperjenzi tagħhom. Xi gruppi ta' pari jiffukaw fuq sfond komuni tal-parteċipanti – bħal parteċipanti bi sfond migratorju, jew parteċipanti akbar fl-età.
 - Servizz ta' pariri dwar il-bidu ta' negozju: Dan se jinkludi pakkett ta' servizzi ta' konsulenza għal daww interessati li jibdeu in-negozji tagħhom stess. Dawn is-servizzi se jinkludu miżuri ta' kkwċjar individwalizzati mfasla apposta, kif ukoll il-parteċipazzjoni f'sessjonijiet ta' kkwċjar fi grupp.
 - Għajnuna għat-tfittix ta' impjeg: Il-job scouts professjonali se jgħinu biex jidentifikaw postijiet tax-xogħol vakanti potenzjali li għandhom ma ġewx ippubblikati, u li jistgħu jissodisfaw xi ħaddiema eliġibbli.

- Konsulenza ta' gwida u orjentazzjoni vokazzjonali: Abbażi tal-intervisti ta' tfassil ta' profili inizjali, il-konsulenti ta' gwida mhux biss se jinfurmaw dwar l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol u l-perkorsi tal-karrieri possibbli, iżda jipprovdu wkoll lill-applikanti b'għajnuna u appoġġ motivazzjonali u ta' ispirazzjoni. Il-ħaddiema għandhom jiġu mħeġġa jtejbju l-ħiliet tagħhom jew jitgħallmu ħiliet ġodda, u jipparteċipaw f'miżuri ta' edukazzjoni u taħriġ immirati biex isibu impjieġ għdid, possibbilment f'settur differenti.
- Konsulenza dwar l-impjieġi internazzjonali: Għal dawk li qed ifittxu impjieġ li jixtiequ jaċċettaw pożizzjoni fi Stat Membru ieħor tal-UE, konsulenti speċjali se jassistu fit-tfittxija għal impjieġ, jinformaw dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol fl-Istat Membru rispettiv, u jgħinu biex il-kwalifiki jiġu tradotti u rikonoxxuti.
- Mentoring ta' segwitu: Il-ħaddiema jistgħu jibbenefikaw minn servizzi oħrajn ta' konsulenza wara li jibdeu jaħdmu fl-impjieġ il-għdid biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni fl-impjieġ il-għdid u biex jitnaqqas ir-riskju ta' telf ta' impjieġi.
- Allowance tat-taħriġ: Il-ħlas jibda mid-data li fiha l-ħaddiem jidħol fil-kumpanija ta' trasferiment, u jintemm hekk kif il-persuna titlaq minn mal-kumpanija ta' trasferiment. Il-parteċipazzjoni f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol hija prerekwiżit biex wieħed jirċievi allowance.

30. Il-miżuri organizzati huma konformi mal-istrateġija ta' sostenibbiltà tal-Ġermanja.
31. Fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19, ġie żviluppat kunċett tal-iġjene sanitarja biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-miżuri. Dan jinkludi korsijiet online, kif ukoll kmamar adegwati għal korsijiet fil-klassi²².
32. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
33. Il-Ġermanja pprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar l-azzjonijiet li huma obligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tad-dritt nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tieħu post dawn l-azzjonijiet.

Baġit stmat

34. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 1 802 845, li huma magħmula min-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 1 730 731 u n-nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar ta' EUR 72 114.
35. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 1 081 706 (60 % tal-kostijiet totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' parteċipanti	Kost stmat għal kull parteċipant (EUR ²³)	Kostijiet totali stmati (EUR) ²⁴
-------------	------------------------------	---	---

²² Għall-korsijiet fil-klassi, jintużaw testijiet rapidi tal-Covid-19 biex tiġi żgurata s-sikurezza fil-klassi.

²³ Biex jiġu evitati d-deċimali, tqarrbu l-kostijiet stmati għal kull ħaddiem. Madankollu, l-arrotondament ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura li jifdal bħal fl-applikazzjoni sottomessa mill-Ġermanja.

²⁴ It-totali ma jaqblux minhabba arrotondament.

Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)			
Miżuri għat-titjib tal-ħiliet (Qualifizierungsmaßnahmen)	415	1 189	493 605
Gruppi ta' pari/workshops	240	438	105 160
Servizz ta' pariri dwar il-bidu ta' negozju (Existenzgründerberatung)	3	5 133	15 400
Għajjnuna għat-tfittix ta' impjeg (Beratung und Stellenakquise)	476	517	245 968
Konsulenza ta' gwida u orjentazzjoni vokazzjonali (Berufsvorbereitung und Orientierung)	200	201	40 133
Konsulenza dwar l-impjegi internazzjonali (Internationale Beratung)	10	1 133	11 332
Mentoring ta' segwitu (Nachbetreuungsmaßnahmen)	375	569	213 378
Subtotal (a): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati		–	1 124 976 (65 %)
Allowances u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Benefiċċju għat-taħriġ (Transferkurzarbeitergeld)	476	1 273	605 755
Subtotal (b): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		–	605 755 (35 %)
Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG			
1. Aktivitajiet ta' tħejjija		–	7 211
2. Ġestjoni		–	39 663
3. Informazzjoni u pubbliċità		–	3 606
4. Kontroll u rrapportar		–	21 634
Subtotal (c): Perċentwal tal-kostijiet totali:		–	72 114 (4 %)
Kostijiet totali (a + b + c):		–	1 802 845
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-kostijiet totali)		–	1 081 706

36. Il-kostijiet tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. Il-Ġermanja kkonfermat li dawn l-

azzjonijiet huma soġġetti għall-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira fit-tittixja għax-xogħol jew l-attivitajiet ta' taħriġ.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

37. Il-Ġermanja bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-1 ta' Awwissu 2020. Għaldaqstant, in-nefqa fuq l-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Awwissu 2020 sal-15 ta' Diċembru 2022.
38. Il-Ġermanja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva biex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Novembru 2020. In-nefqa għal attivitajiet ta' thejġija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar għandha għaldaqstant tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Novembru 2020 sal-15 ta' Ġunju 2023.

Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

39. Is-sorsi tal-prefinanzjament jew kofinanzjament nazzjonali huma l-baġit Federali u l-Bundesagentur für Arbeit (is-Servizz Federali għall-Impjieġ Pubbliku). Dawn jiffinanzjaw il-kontribuzzjoni nazzjonali ta' 40 % tal-kostijiet totali tal-miżuri ffinanzjati mill-FEG offruti mill-kumpanija ta' trasferiment²⁵.
40. Il-Ġermanja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.
41. Il-Ġermanja stabbiliet li l-miżuri tal-FEG offruti qed jikkumplimentaw il-miżuri offruti mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Il-Programm Operazzjonali tal-FSE għan-Nordrhein-Westfalen jikkofinanzja wħud mill-miżuri bażiċi tal-iskema ta' terminazzjoni tal-impjieġ (Sozialplan) miftiehma mis-sħab soċjali. Il-Ġermanja kkonfermat li l-FEG mhu qed jissostitwixxi l-ebda waħda minn dawn il-miżuri.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

42. Il-Ġermanja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari mas-sħab soċjali. Għall-ippjanar ta' miżuri sostnuti mill-FEG, il-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali kellu taħditiet mal- PES u BOB Transfer GmbH biex jiddiskutu l-ambitu għall-appoġġ possibbli mill-FEG. Sa mill-bidu nett, is-sħab soċjali appoġġaw applikazzjoni possibbli tal-FEG. Twaqqaf kumitat ta' monitoraġġ biex imexxi l-possibbiltà ta' intervent kofinanzjat mill-FEG. Minbarra r-rappreżentanti tal-Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali, tal-PES, u tal-kumpanija ta' trasferiment, il-kumitat ta' monitoraġġ jinkludi rappreżentanti tas-sħab soċjali, rappreżentanti tat-trade union tal-IG Metall, il-likwidaturi tal-intrapriża li tat is-sensji u s-sussidjarji tagħha, kif ukoll rappreżentanti tal-kunsilli tax-xogħlijiet.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

43. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Ġermanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-

²⁵ Il-forniment tal-pakkett ta' servizzi personalizzati, magħmul mill-ħlas tal-allowances kif ukoll minn miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, jistgħu jibdeu malli l-ħaddiema jidħlu uffiċjalment mal-kumpanija ta' trasferiment. Mill-bidu nett, il-ħaddiema jitħallsu l-allowances tat-taħriġ (it-“Transferkurzarbeitergeld”), li huma eliġibbli għall-kofinanzjament tal-FEG filwaqt li l-ħaddiema ssensjati jsewgu miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol.

kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi amministrata mill-istess entitajiet fil-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali (Bundesministerium für Arbeit und Soziales) li jiġġestixxu l-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Filwaqt li l-“Gruppe Europäische Fonds für Beschäftigung” jaġixxi bħala l-awtorità ta’ ġestjoni²⁶, l-“Organisationseinheit Prüfbehörde”²⁷ li hija indipendenti mil-lat organizzattiv hija l-awtorità ta’ kontroll għal dawn il-fondi. Dawn l-entitajiet jiġġestixxu wkoll il-kontribuzzjonijiet preċedenti mill-FEG lill-Ġermanja. Xi wħud mill-kompiti tal-awtorità ta’ ġestjoni tal-FEG ġew delegati b’mod permanenti lill-PES bi ftehim amministrattiv.

Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

44. Il-Ġermanja tat l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa rigward dan li ġej:
- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rrispettati fil-kuntest tal-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom,
 - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati,
 - GMH Guss, li ssoktat bl-attivitajiet tagħha wara s-sensji, ikkonformat mal-obbligi legali tagħha li tirregola s-sensji u pprovdiet għall-ħaddiema tagħha kif xieraq,
 - l-azzjonijiet proposti mhumiex se jirċievu appoġġ finanzjarju minn fondi oħrajn jew minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni, u kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
 - l-azzjonijiet proposti se jikkumplimentaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali,
 - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

45. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta’ EUR 186 miljun (prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027²⁸.
46. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset l-għadd ta’ benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont ta’ EUR 1 081 706, li jirrappreżenta 60 % tal-kostijiet totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.

²⁶ Madankollu, fi ħdan il-“Gruppe Europäische Fonds für Beschäftigung”, huwa r-“Referat EF 4” li jaġixxi bħala l-awtorità ta’ ġestjoni għall-FEG, filwaqt li l-awtorità ta’ ġestjoni għall-FSE hija r-“Referat EF 1”.

²⁷ L-“Organisationseinheit Prüfbehörde” hija awtorità indipendenti tal-awditjar u tal-kontroll, li tirrapporta direttament lis-segretarju tal-istat mhux politiku.

²⁸ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 15.

47. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda²⁹.

Atti relatati

48. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 1 081 706 lejn il-linja baġitarja rilevanti.
49. Fl-istess waqt li tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li se jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG.

²⁹ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 29.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Ġermanja – EGF/2020/003 DE/GMH Guss

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006³⁰, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda³¹, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu nġhataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida, u biex jgħinjom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093³².
- (3) Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Ġermanja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward tas-sensji minn GMH Guss GmbH fil-Ġermanja. Din kienet issupplimentata minn informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-FEG jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 081 706 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mill-Ġermanja.

³⁰ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

³¹ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 29.

³² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 15).

- (5) Sabiex jiġi mminimizzat iż-żmien meħud biex jiġi mobilizzat il-FEG, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2021, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 1 081 706 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

* Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.